

# Is-Santwarju Tal-Madonna tal-Ħerba f'Birkirkara



*Kitba Mario Fenech*

Fil-lokalita ta' Birkirkara, minbarra l-bażilika ta' Sant'Elena u l-Knisja l-Qadima ta'Santa Marija, flimkien ma numru ta' kappelli żgħar hemm ukoll is-santwarju tal-Madonna tal-Herba.Ma nafux eżatt meta twaqqfet l-ewwel kappella,iżda nafu li din kienet żgur diġa mibnija fis-sena 1575. L-ewwel darba li tissemma bl-isem tal-Ħerba kien fir-rapport tal-vista pastorali li kien fl-inħawi l-isqof ta' Malta Mons. Baldassere Cagliares, fis-sena 1615. Il-knisja li hemm illum biswit dik ta'qabel imbniet qabel is-sena 1644 u tissemma fir-rapport tal-vista pastorali li kien għamel fil-knisja l-isqof □ ueno fis-sena 1668. Il-faċċata tas-Santwarju ġiet mibnija mill-ġdid fis-sena 1797.



Il-konsagrazzjoni tal-knisja saret mill-isqof ta'Malta mons Vincenzo Labini, nhar it-23 ta' Marzu 1783. Din is-sena qed tiġi mfakkra l-ġrajja importanti ta' din il-knisja meta b'digriet tal-Papa Piju X. Ta'nhar it-13 ta' Frar tas-sena 1910, setgħet issir iċ-ċerimonja tal-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari wara talba li kienet saret mil-Kapitlu Elenjan lill-Isqof ta'Malta Mons Pietru Pace, nhar it-13 ta' Frar 1910. Id-digriet tal-inkurunazzjoni ġie mogħti lil Kurja ta' l-Isqof ta'Malta nhar it-12 t'April 1910, ffirmat mil-kanċillier il-Kan Luigi Maria Camilleri. Dan id-digriet tat-twaqqif tas-santwarju wieħed jista' jarah fil-kappella l-qadima li hemm tmiss ma' dan is-santwarju.

Iċ-ċerimonja tal-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna saret fl-insinji kolleġġjata arċi matriċi knisja parrokkjali, il-lum bażilika ta' Sant'Elena nhar il-Hadd 7 ta' Awwissu. Tmexxiet mill-Eċċelenza tiegħu l-Isqof ta'Malta Mons Pietru Pace, li mexxa ukoll quddiesa pontifikali.

Il-kuruna tad-deheb li hemm fuq ras il-Madonna saret bil-flus ta' Ġużeppi Grech neguzjant Karkariż u Kostantino Grech li kien il-prokuratur tal-knisja tal-Ħerba dak iż-żmien. Il-kuruna ta' fuq ras il-bambin saret bil-flus tal-prepostu tal-Bażilika ta' Sant'Elena il-Kan Alfonso Borg. Il-ħagar prezzjuż li hemm ma dawn il-kuruni saru mil-oġġetti tal-wegħdied maqlugħa. Fil-kwadru li sar lejn is-sena 1668 minn artist mhux magħruf, hemm il-Madonna fil-għoli fuq sħaba kbira bil-bambin f'ħoġorha,

qiegħda tilqa' l-erwieħ li l-anġlu kustodju qiegħed jeħles mil-purgatorju. Fuq in-naħa tal-lemin kwadru hemm San Ġwann Battista bil-bandiera f'idu. Fil-parti t'isfel tal-kwadru l-erwieħ tal-purgatorju. Qabel dan il-kwadru kien hemm ieħor eqdem minnu li jinsab fuq l-altar tal-Kappella li hemm mal-lemin tas-santwarju. Kien ħallas għalih il-kavallier de St. Pierre, kif tixhed l-arma ta' kunjomu fil-parti t'isfel tal-kwadru. L-altar ta' taħt il-kwadru inkurunat waqt il-jiem tal-festa jkun armat b'sett gandlieri arġentati sett appostli u vażuni bil-fjuretti fihom. It-tabernaklu huwa tal-fidda u kien sar mid-ditta cutajar fis-sena 1995. Jintrama wkoll il-vintartal tal-fidda li kien ġie irregalat mil-kavallier Romualdo Doz. Mal-kwadru titulari nkurunat matul il-jiem tal-festa tintrama sopraporta ndurata bid-deheb bil-pavaljun tal-bellus ikħal irrakkmat bil-ħajt tad-deheb.

Mal-ġnub tal-ħitan tal-kor żewġ kwadri li fihom l-artist Karkariż Ġużeppi Briffa pinġa t-twelid tal-Madonna u l-preżentazjoni tagħha fit-tempju minn San Ġwakkin u Sant'Anna fl-1926. Dan l-artist Briffa pinga wkoll il-kwadri ta' fuq l-altari tal-kappelluni, il-koppla u s-saqaf tal-knisja, bejn is-sena 1926 u l-1959. Fis-saqaf tal-kor xena il-isbaħ tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna din il-pittura saret fl-1946. Il-koppla tal-knisja hija ddekorata bil-pittura fejn l-artist Ġużeppi Briffa pinġa lin-nisa bir-rabta l-qadima, Ester, Deborah, Joel, Sara, Guditta, Abigail, Ruth, u Rebekka. Fil-lunetti pinġa l-profeti David, Isaija, Jeremija, u Daniel. Il-kappellun tan-naħa tal-lemin tal-altar maġġur huwa ddedikat lil viżitazzjoni tal-Madonna. Fuq l-altar l-artist Ġużeppi Briffa pinga ix-xena tal-viżitazzjoni, fl-1926. Fis-saqaf naraw is-sejba ta' Ġesù wara tlett ijiem mitluf fit-tempju. Dan ix-xogħol sar fl-1959. Mal-ġnub tal-arzella il-figuri tal-Papa Piju XII u San Duminku. Fil-kappellun tan-naħa tax-xelluġ tal-altar maġġur naraw fuq l-altar il-kwadru taż-Żwieġ Mistiku ta' San Ġużepp u l-Madonna. Fil-pittura tas-saqaf hemm ix-xena tal-pentekoste.

Il-fuq mil-kwadru mal-ġnub tat-tieqa nilmħu lil San Ġirgor il-Kbir u Santu Wistin. F'niċċa mal-ġenb tal-kappellun l-istatwa tal-qalb ta' Ġesù. Mas-saqaf tal-kappellun ix-xena taż-Żwieġ Mistiku tal-Madonna u San Ġużepp. L-altar mejda tal-irħam sar mil-marmista Ronnie Pisani fl-1991 u ħallas għalih il-Kan Carmel Pirotta. L-istess marmista Pisani għamel fl-irħam is-sedja taċ-ċelebrant u l-ambone fl-1995. Il-lampier tal-fidda jintrama fit-tarf tal-korsija waqt il-jiem tal-festa. Fuq il-bieb tal-knisja, il-gallarija tal-orgni hija mżejna b'aktar xogħlijiet sbieħ ta' pittura mal-ħitan.

Fis-saqaf tal-korsija naraw ix-xeni tal-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju u t-tħabbira ta' l-Arkanglu Gabriel lill-Madonna. Dawn saru fis-sena 1956. F'niċċa man-naħa tal-lemin tal-korsija niċċa bl-istatwa ta' San Espedito Martri. Tolqot l-għajn l-iskultura fuq stil rococo li tiddekora il-bibien tal-korsija. L-erbatax il-stazzjon tal-Via Sagra saru fl-1996 mil-iskultur Antonio Ellul bil-flus tal-benefatturi Emmanuel u Helen Borg. Mal-ġnub tal-korsija żewġ plakkek li jfakkru żewġ ġrajjiet differenti. Il-plakka man-naħa tax-xelluġ tfakkar l-indulġenza plenarja li ta' permezz ta'diġriet il-Papa Piju nhar it-30 ta' Lulju 1776 lil kull saċerdot li jqaddes f'din il-knisja. Il-plakka man-naħa tax-xelluġ tfakkar il-ġrajja taċ-ċerimonja solenni tal-konsagrazzjoni tal-altar mil-Isqof Vincanzo Labini nhar it-23 ta' Marzu 1785. Bit-tberik tar-relikwiji tal-qaddisin Martri Vincenzo, urbanu u fawstu. Dan għandu jibqa' jiġi mfakkar permezz ta'quddiesa kull nhar it-tieni Ħadd fuq l-Għid il-kbir.

F'kamra fuq in-naħa tax-xellug tal-korsija wieħed jara niċċa żgħira bi statwa ta' San Ġużepp, niċċa bix-xbieha ta' Ġesù Nazzarenu, kurċifiss li qabel kien jintuża fil-Bażilika ta' Sant'Elena waqt l-eżerċizzi spiritwali, u f'niċċa oħra il-korp Qaddis ta' Santa Vittoria li kien inġieb minn Ruma fl-1775. Man-naħa tal-lemin tal-korsija wieħed isib kappella li kienet imbniet mil-ġdid fl-1774 bil-ħidma ta' Dun Mikiel Gatt minfolk l-ewwel kappella li kienet imbniet fl-inħawi. Hawnhekk fuq l-altar hemm il-kwadru l-antik tal-Madonna. Il-ħitan ta' din il-kappella huma mżejna bi skultura sabiħa, il-kwadru bid-digriet tal-inkurunazzjoni, ix-xbieha ta' San Tumas d'Aqiuno, u bandalori ġo vetrini. F'sala mdaqqsa biswit din il-kappella numru kbir ta' evoto li jirrakkuntaw grazzji maqlugħa bl-interċettazzjoni tal-Madonna. Fuq iz-zuntier tal-Knisja dan l-aħħar ġie inawgurat monument biex jiġu mfakkra l-festi kbar li saru f'għeluq il-mitt sena mil-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tal-Ħerba. Iz-zuntier tal-knisja sarlu paviment ġdid fl-1994, u fl-1997 sar it-taraġ tal-irħam mil-marmista Ronnie Pisani. Fl-art fil-portiku hemm il-kitba "O Marija għallimni nħobb lil Ġesù kif kont tħobbu int". Il-koppla minn barra għandha derha sabiħa filwaqt li mal-ħajt tal-kampnar li fih sett ta' erba' qniepen hemm ukoll arloġġ tax-xemx.